MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 484/2007

**V X**
**vs**
**P X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali bejniethom fid-29 ta' Awissu 2006; li skond il-klawsola numru hamsa [5] l-attur obbliga ruhhu li jhallas manteniment lill-konvenuta ta' LM30 fil-gimgha, rapprezentanti LM10 manteniment ghaliha, u LM20 manteniment ghat-tifel minuri taghhom, b' revizjoni skond l-gholi tal-hajja; li sussegwentement l-konvenuta dahlet f' relazzjoni adultera ma' U H; li, ghalkemm dan jimporta d-dekadenza taghha mid-dritt li tircevi manteniment ghaliha, hija xorta baqghet tinsisti li l-attur jadempixxi l-obbligu kontrattwali tieghu f' dan ir-rigward; li l-introjtu ta' l-attur

naqas sostanzjalment u ghalhekk ma jistax ikompli jhallas ir-rata pattwita bhala manteniment ghat-tifla; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba l-adulterju kommess mill-konvenuta; [2] tistabilixxi data li fiha gie kommess l-adulterju; [3] tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet permanentement mid-dritt li tircevi manteniment ghaliha b' effett mid-data hekk stabbilita; [4] tordna li l-konvenuta tirrifondi lill-attur dik is-somma li tigi stabbilita' minn din il-Qorti ai termini ta' l-artikolu 25[2] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; [5] tiffissa rata ridotta ta' manteniment ghal ibnu; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta [1] filwaqt li osservat li s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kienet kawzata mir-relazzjoni adulteruza li l-attur kellu u ghad ghandu ma' mara ohra u li din ir-relazzjoni extra-matrimonjali kienet bdiet meta hi kellha erba' xhur tqala; hija tichad li hi ghandha relazzjoni adulteruza ma' U H; [2] li l-manteniment li l-attur qed jivversa ghal ibnu minuri huwa wiehed minimu hafna; [3] li mhuwiex minnu li l-introjtu ta' l-attur naqas sostanzjalment, u kien l-istess attur li gab din is-sitwazzjoni fuqu nnifsu sabiex jahrab l-obbligazzjonijiet tieghu fil-konfront tal-konvenuta u tat-tifel minuri; [4] li l-attur baqa' inadempjenti ghall-obbligi kontrattwali tieghu rigwardanti spejjez medici u edukattivi; ghalhekk issostni li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha li tircevi manteniment ghaliha skond kif pattwit fil-kuntratt tas-separazzjoni personali fuq indikat; rifuzjoni tal-manteniment percepit skond l-artikolu 25[c]

fuq citat; li l-manteniment pattwit ghall-minuri jigi ridott ghal ragunijiet finanzjarji.

Illi minn naha taghha l-konvenuta, qed tichad li hi ghandha relazzjoni adulteruza sopravvenuta ghall-imsemmi kuntratt; qed tikkontesta l-allegazzjoni ta' l-attur li l-introjtu tieghu naqas sostanzjalment b' mod li hemm lok ghar-riduzzjoni tal-manteniment dovut mill-attur ghat-tifel minuri.

**Irritwalita' tal-Proceduri**
Illi din l-eccezzjoni giet sollevata fin-nota ta' sottomissjoni responsiva maghmula mill-konvenuta. In propozitu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi din l-eccezzjoni ma gietx sollevata formalment fir-risposta guramentata kif tirrikjedi l-ligi proceduri; u inoltre, peress li hi ta' natura dilatorja kellha tigi sollevata in limine litis, qabel l-eccezzjonijiet fil-meritu.

[2] Illi skond l-Avviz Legali 397/03, li hi ligi specjali, u precizament ir-regolament numru disa' [9], il-Qorti tal-Familja ghandha l-poter-dover, li tiehu konjizzjoni ta' talbiet, ghal bdil "f' kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali", u ghalhekk, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-konvenuta, din il-Qorti ghandha kompetenza li tvarja materja regolata kemm b' sentenza moghtija precedentement, kif ukoll b' kuntratt maghmul bejn il-partijiet.

[3] Illi mill-Ittra li tat bidu ghall-proceduri odjerni, jirrizulta car li l-vertenza li kienet tifforma s-suggett kemm tal-medjazzjoni, kif ukoll ta' l-eventwali proceduri kontenzjuzi, huwa l-manteniment li l-attur ghandu jghati lill-konvenuta, kemm ghaliha kif ukoll ghat-tifel minuri; u li dan huwa proprju l-meritu tal-proceduri odjerni.

Jigi osservat li s-separazzjoni personali ut sic ma kienet qatt tifforma vertenza bejn il-partijiet wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattivi, stante fil-bidu nett tal-proceduri odjerni l-partijiet kienu diga' ezenti mill-obbligu tal-konvivenza,

izda t-talba formali hija mehtiega biss sabiex din il-Qorti tkun fil-pozizzjoni li tapplika o meno d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16.

Fid-dawl tal-premess dan il-punt sollevat mill-konvenuta huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt, u qed jigi respint.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-partijiet izzewwgu fil-25 ta' Ottubru 2003, u minn dan iz-zwieg twieled it-tifel Sean X fit-8 ta' Awissu 2004.

Fis-sena 2005 l-attur dahal f' relazzjoni extra-matrimonjali ma' mara ohra, meta allura l-konvenuta kellha erba' xhur tqala, liema relazzjoni ghadha ghaddejja, u eventwalment telaq' mid-dar konjugali meta t-tifel kellu sitt xhur. Dan wassal sabiex il-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni fuq indikat.

Illi fit-termini ta' l-imsemmi kuntratt l-attur obbliga ruhhu li jivversa lill-konvenuta s-somma settimanali ta' LM30, rapprezentanti LM20 bhala manteniment ghat-tifel, u LM10 bhala manteniment ghaliha.

Illi wara l-kuntratt ta' separazzjoni l-konvenuta, li baqghet tghix mat-tifel fid-dar tal-genituri taghha, dahlet fl-ghaqda ghall-persuni 'singles'. Hija dahhlet f' relazzjoni ma' certu U H, li ghalkemm ma rrizultax li kien jorqod ghandha, dan kien ghamel circa sentejn jiffrekwenta lill-konvenuta, imur id-dar taghha regolari u gieghli dam ghandha sas-sieghat bikrin ta' filghodu, johrog maghha, u johrog ukoll maghha u mal-familja taghha.  Sussegwentement, dan U H dahal f' relazzjoni ma' mara ohra, u ma baqax jiffrekwenta lill-konvenuta.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*Dekadenza*

Illi din il-Qorti hija tal-fehema li r-relazzjoni tal-konvenuta ma' l-imsemmi U H hija aktar minn semplici relazzjoni ta' hbieb, imma hija relazzjoni adulteruza.  Il-Qorti thoss li hemm provi  sufficjenti li jaghtu konfort ampju lil din il-konkluzjoni.

Illi pero' dan il-fatt ut sic ma jwassalx necessarjament ghad-dekadenza tal-konvenuta mid-dritt li tkompli tippercepixxi l-manteniment pattwit fil-kuntratt tas-separazzjoni, u l-Qorti thoss li f' dan il-kaz, b' applikazzjoni ta' l-artikolu 52 tal-Kap.16, ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha favur il-konvenuta.

Il-Qorti tosserva li kien l-attur li, bir-relazzjoni adulteruza tieghu, kisser u rrenda rrimedjabbli l-konvivenza matrimonjali bejn il-partijiet bir-rizultat li dawn wasslu ghas-separazzjoni konsenswali, wara li l-attur telaq mid-dar konjugali u halla l-konvenuta tfendi ghal rasha bit-tifel li f' dak iz-zmien kellu sitt xhur. Kien hu li gab din is-sitwazzjoni fuq il-konvenuta li, allura mara ta' circa 23 sena, sabet ruhha tffittex f' hajjitha kumpanija ta' nies ohra, anke dawk tas-sess maskili. Inoltre, mill-provi jirrizulta li din ir-relazzjoni ma' U H llum spiccat.

Ghalhekk, ghalkemm huwa minnu li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja tas-separazzjoni personali b' fatti sopravvenuti ghall-kuntratt tas-separazzjoni, dikjarazzjoni ta' dekadenza fic-cirkostanzi tal-kaz hija kontro-indikata, u l-Qorti hi tal-fehema li l-konvenuta ma' ghandhiex titlef id-dritt li tircevi minghand l-attur il-manteniment, [irrizorju fil-quantum tieghu] pattwit fl-imsemmi kuntratt.

*Manteniment - Minuri*

Illi, ghalkemm l-attur isostni li sussegwenti ghall-kuntratt hu sofra tnaqqis sostanzjali fl-introjtu tieghu, u ghalkemm spjega li dan huwa dovut kemm ghax ma setghax ikompli jahdem overtime, kif ukoll ghax il-kumpanija mpjegatrici tieghu naqsilha x-xoghol, huwa ma gabx provi sodisfacenti dwar dan, senjatament li t-tnaqqis fl-introjtu tieghu kien estraneju ghall-volonta' tieghu.

Illi noltre, meta jitqies li r-retta alimentarja ta' LM20 fil-gimgha dovuta ghall-minuri jkopri wkoll l-ispejjez medici u edukattivi ta' natura ordinarja, dan l-ammont ma jistax jitqies hlief li huwa fuq livell baxx; u hija verosimili t-tezi tal-konvenuta li dan l-ammont wahdu mhux sufficjenti

sabiex ikopri l-bzonnijiet kollha tal-minuri. Dan, apparti l-massima *pacta sunt servanda*.

Ghalhekk anke din il-parti tat-talba ma tistax treggi fic-cirkostanzi tal-kaz.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba;
[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante li fic-cirkostanzi hija superfluwa;
[3] tichad it-tielet talba;
[4] tichad ir-raba talba;
[5] tichad il-hames talba;

L-ispejjez ta' l-ewwel talba jkunu a kariku tal-konvenuta, filwaqt li l-kumplament jibqghu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------